# IL-PJAN TAL-LEZZJONI - 6.6

**Kap 6: Iċ-Ċirku ta' Ġewwa**

**Lezzjoni 6.6: Ġesù jgħallimna nafdawh**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**



1.Nitgħallmu nafdaw lil Ġesù.

2.Jirrealizzaw xi tfisser il-fidi vera.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

== Ġesù jgħid il-Beatitudnijiet:

http://www.youtube.com/watch?v=off85eiYJ7o

== The Beatitudes Song:-
http://www.youtube.com/watch?v=wZNz9v9uXKc

== Karta ta' Taħriġ Addizzjonali



**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

= Spjega kif Ġesù mhux biss huwa għalliem imma wkoll Feddej – Ġesù l-għalliem huwa fl-istess ħin dak li jfejjaq. Il-bażi tal-priedki ta' Ġesù huma li biex nersqu għand Ġesù rridu nindmu. Hu hekk qal: "Indmu: is-Saltna t'Alla waslet". Barra minn hekk Hu għallimna biex nafdawH.

= Staqsi lill-istudenti:

Tiftakru meta l-Appostlu Tumas ma riedx jemmen li Ġesù deher lil sħabu u hu ma kienx magħhom? Ġesu' qallu "Imberkin min jemmen mingħajr ma jara!" Tumas kien qal: "Jekk ma ndaħħalx subgħajja fil-kustat ma nemminx." Tiftakru xi storja meta Ġesù uża din il-frażi "Indmu: is-saltna t'Alla waslet"?

= Enfasizza li Ġesù jrid li nafawh. Dik hi l-fidi fiH.

= Uri ppt:- http://www.youtube.com/watch?v=off85eiYJ7o

**Nisimgħu flimkien (Il-Pjan tal-lezzjoni)**

= Staqsi lill-istudenti x'laqathom f'dan il-powerpoint.Fisser dawn il-frażijiet:

1.Ġesù qagħad bilqiegħda – espressjoni li turi awtorità ta' għalliem. Ġesù joqgħod bilqiegħda bħala għalliem assolut tal-bnedmin.

2.Resqu lejh id-dixxipli tiegħu – Ġesù jwessa' ċ-ċirku ta' dawk li kien qed ikellem. Kulħadd jista' jsir dixxiplu u kulħadd huwa msejjaħ. Kull min jisma' u jilqa' l-Kelma jista' jsir "dixxiplu".

3.Ġesù tela' fuq il-muntanja – il-muntanja kienet il-post tat-talb ta' Ġesù – il-post fejn jiltaqa' wiċċ imb'wiċċ mal-Missier, li għalhekk huwa l-post tat-tagħlim tiegħu, tagħlim li joħroġ mill-komunikazzjoni tiegħu mal-Missier. Permezz ta' Kristu, Alla jitkellem mill-qrib "bħal bniedem ma' ieħor".

4. Ġesu' għallem lid-dixxipli u lin-nies li telgħu miegħu fuq il-muntanja. Dan it-tagħlim baqa' magħruf bħala-Id-Diskors tal-Muntanja. Hu tkellem fuq il-Beatudinijiet:

**It-Tifsira tal-Beatudinijiet:**

1.Fil-Beatudinijiet Ġesù fisser aktar fil-fond il-kmandamenti li jolqtlu lill-proxxmu. Huma joħorġu li l-valur ta' Alla huwa differenti mill-valur li tagħti d-dinja u jgħidilna min huma dawk li huma vera henjin:

2· "Il-fqar fl-ispirtu" – li ma jiftaħrux quddiem Alla bil-kisbiet tagħhom. Huma fqar minn ġewwa, iħobbu u jilqgħu bis-sempliċita' dak li Alla jagħtihom. Il-faqar materjali biss ma jsalvax. Qalb min m'għandu xejn tista' tkun iebsa, velenuza u ħażina u jista' jkollha kilba għall-ġid materjali.

3· Ta' "qalbhom ħelwa"- ma jużawx vjolenza. Ġesù kien eżempju ta' umilta' u ta' qalb ħelwa lejn Alla u l-bniedem. L-umilta' u s-sempilċita', lill-bniedem jagħmluh aktar reżistenti minn dawk li jużaw il-vjolenza.

4.· Il-bniedem li "jġibu l-paċi" - huwa ħabib t'Alla u jista' jġib il-paċi madwaru u fid-dinja kollha. Alla jrid il-paċi fid-dinja u ħalla din il-biċċa xogħol f'idejn il-bnedmin. Il-lum naraw ċar li fejn il-bniedem ma jibqax jara lil Alla, il-paċi tispiċċa fix-xejn u tiddomina l-vjolenza u l-ħruxija.

5· "L-imnikkta" - Hemm niket meta l-bniedem jitlef it-tama, u hemm niket li jwassal lill-bniedem għall-indiema u biex jerġa' jibda jittama u jħobb mill-ġdid. Eżempju ta' dan huma Ġuda u Pietru.

6· L- "ippersegwitati minħabba s-sewwa" - jżommu mat-triq it-tajba li jurihom Alla, li ċ-ċentru tagħha huma l-għaxar kmandamenti u ma jħallux lilhom infushom jiġu mkaxkra mill-kurrenti tad-dinja.

7· Dawk li għandhom "Il-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja" joqogħdu għassa madwarhom biex ifittxu dak li hu tajjeb, il-ġustizzja vera u l-ġid veru. Dawn huma nies li kapaċi jisimgħu u jaraw is-sinjali żgħar li Alla jibgħat fid-dinja u jkunu kapaċi jaħsbu b'rashom.

8· Ta' "qalbhom safja" - ma jaħilfux bil-qerq, jgħożżu l-onestà, il-verità u l-ġustizzja lejn il-proxxmu u l-komunità.

9· Bħala eżempju ta' dawk li "juru ħniena", il-Papa jpoġġilna quddiemna l-parabbola tas-Samaritan u dik ta' l-għani u l-fqir Lazzru fejn iqabbel qalb li tagħder u tħenn ma' qalb egoista u iebsa.

== Agħlaq billi ssemma' s-song mogħtija. U jekk trid għandek ukoll Karta ta' Taħriġ Addizzjonali li tista tagħti lill-istudenti.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. Id-dnub ibegħedna minn Alla.
2. Id-dnub huwa l-akbar periklu għall-bniedem.
3. Id-Diskors tal-Muntanja jurina t-triq tal-imħabba biss.

**Nagħżlu flimkien (L-Attitudni)**



Ejjew inħarsu lejn Ġesù bħala l-bniedem ħellies li jwassalna biex nagħmlu t-tajjeb.

**Niċċelebraw flimkien xi kant/drama/Ecc...**



== Ġesù jgħid il-Beatitudnijiet:

http://www.youtube.com/watch?v=off85eiYJ7o

== The Beatitudes Song:-

http://www.youtube.com/watch?v=wZNz9v9uXKc

**Nitolbu:**



Grazzi Mulej Alla talli għallimtna nafdawk.
Għinna nafdawk mingħajr ma narawk.
Għinna nimxu fuq il-passi tiegħek. Ammen.